MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 33

It-Tnejn, 20 ta' Marzu, 2017

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Herman Schiavone (HS) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal- Pubbliku: | (5) |

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina Leanne Grech (LG) | Kunsillier |

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 33.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

33.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera LG u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

33.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tat-tnejn u tletin (32) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

33.2.1.1. Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AC favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

33.2.1.2. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 32.4.4 u informa li spiża għal tali monument hija ta' madwar €600, u jieħu madwar sitt xhur biex jitlesta. Hu jikkalkola li bl-ispejjeż anċillari, dan approssimament jammonta għal-€1,000. Il-Kunsill qabel li jibdew diskussjonijiet sabiex jekk jinstab benefattur isir ix-xogħol, kif ukoll jibdew jintalbu l-permessi neċessarji

**NB 5.38pm Il-Kunsillier HS attenda għal-laqgħa**

33.2.1.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 32.4.2 li tirrigwarda Misraħ San Ġorġ Preca. Huwa irrimarka li għad qed nistennew fir-rigward tad-dwal taż-*zebra cross.*

33.2.1.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 32.4.7.2 li tirrigwarda manutenzjoni fid-dwal imniżżlin taħt l-iskema ta' proġetti kapitali u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex xi risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa fin-negattiv.

33.2.1.5. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 32.17.3 li tirrigwarda twaħħil ta' mera ta' ħdejn il-moll. Huwa informa li diġa' hemm waħda iżda żgħira. Is-Sindku informa li din ser tinbidel u teħel waħda ikbar.

33.2.1.6. Il-Kunsill għamel referenza għal materja 32.17.2 li tirrigwarda Triq il-Batterija, u qabel li kif is-sistema tiġi implimentata, jiġu addottati l-proċeduri normali ta' twissija, qabel ma jiġu effettivi.

## 33.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

33.3.1. Is-Sindku informa dwar laqgħa li saret mal-GreenPAK fejn ġiet diskussa l-problema tal-kaxxi tal-kartun matul il-ġabra tal-ħġieġ. GreenPAK infurmaw li basktijiet jiġu miġbura, filwaqt li kaxxi le. GreenPAK infurmaw li ser jagħmlu avviżi sabiex il-pubbliku jiġi mħeġġeġ juża basktijiet tal-karti minflok kaxxi tal-kartun.

33.3.2. Is-Sindku informa li s-CEO tal-*Malta Freeport Terminals* talab laqgħa mas-Sindku, fejn dan tal-aħħar talab li jiġi assistit mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti rendikont tal-laqgħa.

33.3.2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li matul din il-laqgħa, is-CEO għamilha ċara li l-Freeport lest li jissapportja lill-Kunsill b'donazzjoni ta' €20,000 għal bini ta' *skatepark*, madankollu l-Freeport mhux ser jidħol fl-istess tip t'arranġament, jew arranġament simili mal-President's Trust Fund. Is-CEO qal li kemm l-ammont, kif ukoll il-prinċipju, kien diġa' għamlu ċar mar-rappreżentanti tal-President's Trust Fund.

33.3.2.2. Il-Kunsillier JB staqsa jekk din id-donazzjoni hux ser tiġi mnaqqsa mill-€100,000 li l-Freeport jalloka kull sena għall-għaqdiet diversi. Il-Kunsill qabel li tali kjarifika tintbagħat lil Freeport.

33.3.3. Permezz ta' e-mail, mingħand Merlin Publishers fejn offrew il-kotba ta' Lupu Lupettu.

33.3.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel fl-investiment fl-edukazzjoni permezz ta' xiri ta' massimu ta' 4 kotba mis-selezzjoni ta' *New Readers.*

33.3.4. Permezz ta' ittra mill-Malta Parkinson's Disease Association, fejn talbu donazzjoni mill-Kunsill ta' €100. Il-Kunsill innota li donazzjonijiet ma jistgħux isiru, u għaldaqstant ma jistax jilqa' it-talba.

33.3.5. Permezz ta' e-mail mingħand l-organizzaturi tal-kors Għaqal id-Dar, fejn infurmaw li hemm bżonn jinkera van għal parteċipanti li ma jsuqux, sabiex ikunu jistgħu jattendu għall-aħħar sezzjoni tal-kors, ġewwa l-Iskola ta' Marija Immakulata Kunċizzjoni, Ħal Tarxien.

33.3.6. Permezz ta' e-mail minn TCTC, fejn il-Kunsill ġie offrut li jippartecipa fil-kors ROBOTICANATION bi prezz ta' €750. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill ma laqax it-talba.

33.3.7. Permezz ta' e-mail mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali , fejn il-Kunsill ġie infurmat bil-premju Frans Sammut. Il-Kunsill qabel li din l-opportunita tiġi iċċirkolata mal-għaqdiet, l-iskola u każini tal-lokalita' kif ukoll Ċentru Enrichetta.

33.3.8. Permezz ta' Ċirkulari Numru 8/2017 maħruġa mid-Dipartiment, li tirrigwarda l-attivitajiet li jeħtieġu permessi tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku informa li jekk applikabbli, il-Kunsill ser jirrimedja fejn jirrigwarda permessi ta' *bins on wheels* tal-ħwienet. Huwa żied jgħid li fil-każijiet l-oħra kollha, il-Kunsill diġa' huwa aderenti.

## 33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

33.4.1. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal *Bus Shelter* ta' faċċata ta' Għar Dalam u staqsa jekk dan jistax jiġi irranġat.

33.4.1.1. Is-Sindku JC informa li dan il-*Bus Shelter* partikolari huwa responsabilta' ta' Transport Malta, liema Awtorita' qiegħda fil-proċess ta' twaħħil ta *Bus Shelters* ġodda.

33.4.1.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li anke dak li jinsab Bengħisa jeħtieġ li jinbidel.

33.4.2. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal bye-laws tal-Kunsill, partikolarment dik relatata ma' tisjir u barbeques f'Birżebbuġa, u staqsa fiex wasal il-proċess.

33.4.2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-proċess jinsab għaddej u li fil-ġimgħat li għaddew talab lill-Uffiċjal tad-Dipartiment sabiex jagħtiha ftit importanza minħabba li hija marbuta mal-perjodu tas-Sajf.

33.4.3. Il-Kunsilleri JB għamel referenza għad-dwal tat-traffiku inti u ħiereġ mill-Qajjenza, u staqsa jekk il-ħinijiet tranġawx u saru kif kienu qabel.

33.4.3.1. Huwa ġie infurmat li dawn tranġaw minn Transport Malta fil-ġranet li għaddew.

33.4.4. Il-Kunsillier JB għamel referenza għal *Bus Shelter* f'Misraħ il-Knisja u talab sabiex jitnaddaf.

33.4.4.1. Is-Sindku JC informa li għalkemm huwa tal-opinjoni li dan jinbidel, nelfrattemp ser jieħu ħsieb li jsir it-tindif.

33.4.5. Il-Kunsillier JB għamel referenza għaż-żona ta' fejn hemm il-gremxula tal-ġebel Dawret Qalb Imqaddsa u staqsa dwar il-possibilta li din titnaddaf mil-pjanti li jikrejaw allerġiji.

33.4.5.1. Is-Sindku informa li dan ix-xogħol jista jsir, iżda ser jinvolvi xi spejjeż. Huwa informa li ser jinġabu il-kwotazzjonijiet u jiġu ċċirkolati sabiex tittieħed deċiżjoni.

33.4.5.1.1. Il-Kunsillier JB żied jirrimarka li hemm bżonn li din iż-żona titranġa sabiex jinħoloq iktar spazju ta' parkeġġ.

33.4.6. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk il-Kunsill żviluppax lista ta' prijoritajiet ta' xogħlijiet li hemm bżonn li jsiru, bħal *road humps,* disinni tat-traffiku, *belishia lights* u manutenzjoni permezz ta' asfaltar.

33.4.6.1. Is-Sindku JC informa li fir-rigward ir-*road humps* waslu l-approvazzjonijiet kollha, u ħarġu wkoll l-ordnijiet ta' xogħol relevanti lill-Kuntattur.

33.4.6.2. Is-Sindku JC informa li ser tinħareġ l-ordni ta' xogħol għaż-*zebra crossing* ta' quddiem il-Kunsill, filwaqt li dik ta' quddiem il-*Miracle Foods* ser tiġi integrata fil-proġett tal-għargħar ta' *Transport Malta*.

33.4.6.3. Is-Sindku JC informa li x-xogħol fuq il-ħwat tal-*promenade* biswit il-lukanda *Water's* Edge miexi, iżda kellu jieqaf minħabba li l-ħaddiema ġew meħuda temporanjament lura. Nelfrattemp saru arranġamenti oħra sabiex dawn jitkomplew fil-ġranet li ġejjin.

33.4.6.4. Is-Sindku informa li fir-rigward tar-rawndebawt ta' Triq Sant'Anġlu kantuniera ma' Triq Santa Rita, aċċeda fuq il-post is-*surveyor* sabiex jibda x-xogħol preparatorju ta' teħid ta' qisien.

## 33.5 Rapporti

33.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-*balance sheet* għax-xahar ta' Jannar 2017. Huwa irrimarka li l-Kunsill irnexxielu jottjeni riżultat pożittiv iktar minn dak mistenni. Il-Kunsill qabel unanimament ma' l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport.

## 33.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

33.6.1. Ma kienx hemm rapporti mressqa.

## 33.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

33.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 03/17 li ġiet iċċirkulata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1)

33.7.1.1. Il-Kunsilliera JBD irrimarkat dwar l-attivita' tal-Karnival u staqsiet, jekk bħala l-persuna inkarigata mill-attivitajiet, hux ser tkun involuta fit-baġits u deċiżjonijiet dwar ħlasijiet u spejjeż u dan għaliex il-baned ser jitħallsu iktar minn dak oriġinarjament miftiehem.

33.7.1.2. Is-Sindku irrimarka li l-attivitajiet il-kbar huma dekasteru tiegħu, madankollu waqt kull attivita', il-Kunsilliera JBD ser tkun involuta. Huwa informa wkoll li l-ħlas tal-baned ġie miżjud u maqbul waqt laqgħa, li sfortunatament il-Kunsilliera JBD waslet għaliha ftit tard minħabba impenji oħra.

33.7.1.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsillier HS, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

33.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-Petty Cash għal Frar (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie ikkunsidrat bħala moqri.

33.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AC u ssekondata mill-Kunsillier HS, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 33.8 Mozzjonijiet;

33.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa.

## 33.9 Ambaxxatur lokali taż-żgħażagħ;

33.9.1. Is-Sindku JC għamel referenza għar-riżenja tas-Sinjorina Amanda Vella mill-kariga ta' Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.

33.9.2. Il-Kunsill awgura kull suċċess lis-Sinjorina Amanda Vella.

33.9.3. Il-Kunsill qabel li jinfetħu l-applikazzjonijiet sabiex jintgħażel Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.

## 33.10 Offerti Pubbliċi;

33.10.1. Is-Sindku tkellem dwar il-kuntratt tas- Servizz tà Żamma u Manutenzjoni tà Latrini Pubbliċi.

33.10.1.1. Il-Kunsill innota li għadu ma rċieviex informazzjoni u għaldaqstant qabel li ma toħroġx l-offerta għalissa.

33.10.2. Is-Sindku JC informa li fil-futur qarib ser tkun ippublikata l-offerta għas-Servizz tà *Contracts Manager*.

33.10.3. Is-Sindku JC informa li ħarġet l-espressjoni t'interess għall-Kiri ta' Garaxx u li tagħlaq lejn l-aħħar ta Marzu.

## 33.11 Applikazzjonijiet ta' Żvilupp;

33.11.1. Is-Sindku JC informa dwar applikazzjoni PA 04038/16 li tirrigwarda *dredging* fil-baħar, f'Dawret Qalb Imqaddsa, quddiem id-Depot 31 ta' Marzu.

33.11.1.1. Il-Kunsill innota li ġaladarba dan id-depot mhux ser jibqa' jopera, ma jarax għalfejn għandu jsir *dredging*, madankollu jekk hemm bżonn li jsir, dan m'għandux isir waqt l-istaġun tal-għawm, bid-dati mis-16 ta'Mejju sal-aħħar t'Ottubru.

33.11.2. Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Klabb tal-Waterpolo, fejn wara s-sottomissjoni tal-Kunsill dwar l-aħħar applikazzjoni tagħhom li tirrigwarda tpoġġijja ta' mwejjed u siġġijiet, bagħtu numru ta' kjarifiki. Huma talbu wkoll sabiex issir laqgħa ħalli dawn il-punti jiġu diskussi.

33.11.2.1. Il-Kunsillier HS irrimarka li fi kwalunkwe każ il-prinċipju tal-Kunsill huwa li l-ispazju li kien tal-pubbliku, għandu jibqa' tal-pubbliku bla riservi.

33.11.2.2. Il-Kunsill innota wkoll li apparti l-materja tal-*ownership,* anke l-fatt li l-attivita' li ser issir, tista toħloq inkonvenjent, u għalhekk trid tkun kontrollata.

33.11.2.3. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti din il-materja mal-avukat tal-Kunsill, u sussegwentament tinżamm laqgħa mar-residenti, u wara, mar-rappreżentanti tal-Waterpolo Club.

**NB 6.55 pm Il-Laqgħa ġiet xolta**
**7.05 pm Il-laqgħa tkompliet.**

## 33.12 Senjalazzjoni tat-Traffiku.

33.12.1. Is-Sindku JC tkellem dwar l-approvazzjoni ta' *Communal Loading and Unloading Bay* fi Triq Sant' Anġlu, u qal li kien hemm oġġezzjoni biex ma ssirx fejn propost.

33.12.1.1. Il-Kunsill għaldaqstant qabel li tiġi irtirata l-approvazzjoni ta' Transport Malta, u minflok issir talba sabiex issir waħda iktar l' isfel f'Misraħ il-Knisja, viċin tal-ħanut "Joe's Green Grocer".

33.12.2. Is-Sindku JC ippropona li jsiru tabelli tat-tip "School Ahead", fil-viċinanzi tal-iskola. Il-Kunsill qabel unanimament.

33.12.3. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar approvazzjoni li għandu l-Kunsill sabiex tingħalaq Triq Żarenu Dalli, il-parti ta' fejn l-iskola matul il-ħinijiet tal- ħruġ tat-tfal mill-iskola.

33.12.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li l-Kunsillier SZ jimmarka kollox fuq pjanti għad-diskussjoni, inkluż traffiku u parkeġġi, qabel ma tiġi implimentata.

33.12.4. Is-Sindku JC tkellem dwar l-ispazju ta' parkeġġ f'Misraħ San Ġorġ Preca, fejn irrimarka li kienu qed jidħlu numru ta' ilmenti dwar ipparkjar ta' vetturi kummerċjali f'dan l-ispazju. Huwa informa li saru diversi rapporti lill-Pulizija u lill-Gwardjani Lokali dwar dan, u l-materja jidher li ġiet solvuta.

33.12.5. Il-Kunsillier AC tkellem dwar il-possibbilta' li l-isem Misraħ il-Knisja jinbidel u jsir Misraħ San Pietru.

33.12.5.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ssir konsultazzjoni mar-residenti.

## 33.13 Attivitajiet u Permessi

33.13.1. Is-Sindku tkellem dwar l-attivita' tal-karnival imtella' mill-Kunsill u informa li din kienet ta' suċċess. Is-Sindku informa li ser jiġi preżentat rapport separat dwar id-dħul u l-infiq relatat ma' din l-attivita'.

33.13.2. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar il-mawra san-Nadur Għawdex, li ssir kull sena f'Ġunju.

33.13.2.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ma jipparteċipax finanzjarjament, sabiex jikkontrolla l-ispejjeż.

33.13.3. Il-Kunsilliera JBD infurmat li l-Għanafest ser issir fl-24 ta' Ġunju u ser tittella mil-Kunsill Malti għall-Arti u Kultura. Hija fakkret ukoll sabiex kulħadd juża l-kalendarju tal-attivitajiet, sabiex ma jaħbtux attivitajiet fl-istess ġranet.

33.13.4. Is-Sindku JC tkellem dwar l-attivita tal-Ġimgħa Imqaddsa, u dak propost li jsir mill-Kunsilliera LG.

33.13.4.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jsiru l-*posters* mill-Kunsill, iżda ma jsirx it-trasport sabiex jiġu kkontrollati l-ispejjeż.

33.13.5. Is-Sindku JC informa dwar talba riċevuta miż-ZAK, sabiex itellgħu attivita' fil-Bajja s-Sabiħa u tinżamm logħba *Lions and Tigers* jew fi Ġnien l-Indipendenza u ssir *Egg Hunt.*

33.13.5.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill approva attivita' fil-Bajja S-Sabiħa, bil-kundizzjonijiet ġenerali, u li ma jintużawx materjal / *props* li jista' jħalli residwi.

33.13.6. Is-Sindku informa dwar talba għal permess sabiex issir promozzjoni ta' *non alcoholic juice* fis-27 t'Awwissu, fuq il-*promenade*, biswit Ġnien Mons Ġużeppi Minuti, imressqa minn Media Consulta Malta Ltd.

33.13.6.1. Il-Kunsill approva l-attivita', bil-proċeduri u kundizzjonijiet skont L.S 441.04

## 33.14 Stallazzjoni ta' Kamera tas-Sigurta.

33.14.1. Is-Sindku tkellem dwar is-sistemi ta' CCTV u ppropona li ssir waħda f'Misraħ is-Summit.

33.14.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament.

## 33.15 Proġetti u Xogħlijiet.

33.15.1. Is-Sindku informa li l-proġett tal-funtana ta' Ġnien l-Indipendenza jinsab fi stadju avvanzat. Huwa ppropona li ssir ftit manutenzjoni fuq il-kisi u ż-żebgħa, bi prezz ta' €430. Il-Kunsill qabel unanimament.

33.15.2. Is-Sindku informa li hemm bżonn titranġa il-bankina ta' bejn Triq iż-Żibra u Triq Profs. A. Tabone, minħabba l-istat li tinsab fi stat perikoluż. Il-Kunsill qabel.

33.15.3. Is-Sindku informa li hemm bżonn li titranġa l-bankina fi Triq Żarenu Dalli, partikolarment il-parti ta' quddiem ir-residenza numru 15 u l-viċinanzi, u dan sabiex jitranġa l-qlib tal-ilma, u ma jidħollhomx ilma fil-propjeta' tagħhom fil-maltemp. Il-Kunsill qabel.

33.15.4. Il-Kunsillier AC, staqsa rigward manutenzjoni tal-parkeġġ ta' ħdejn il-Qasam tad-Djar.

33.15.4.1. Is-Sindku informa li dan mhuwiex tal-Kunsill madankollu ser jiġi inkluż fil-Pjan ta' Riġenerazzjoni, kif ukoll qed tintalab għajnuna speċifika minn ministeri oħra.

33.15.5. Is-Sindku tkellem dwar il-Fondi Ewropej relatati ma' asfaltar ta' toroq rurali sabiex jiżdied l-aċċess għall-bdiewa, u ressaq l-istimi kif saru mill-Perit tal-Kunsill għat-toroq maqbula. Huwa informa li Transport Malta kienu ser jagħmlu wkoll Triq tal-Papa, u għalhekk din għanda titneħħa mil-lista ta' prijoritajiet tal-Kunsill. Is-Sindku informa li fil-preżent qed nistennew il-figuri mill-*accountant* tal-Kunsill, sussegwentament, il-Kunsill jiddeċiedi dwar dawn.

33.15.6. Is-Sindku tkellem li hemm bzonn isir *alignment* għal iktar aċċessibilita' f'parti tal-bankina fi Triq il-Folkor. Dan ix-xogħol huwa stmat għal €400. Il-Kunsill qabel.

33.15.7. Is-Sindku ressaq talba mis-Sur Chris Sacco fejn talab li titbaxxa l-bankina ta' quddiem il-garaxx tiegħu, fi Triq Santa Katarina, sabiex ikun aċċessibbli. Il-Kunsill qabel li ma hemmx oġġezzjoni sabiex dan ix-xogħol isir mill-applikant.

33.15.8. Il-Kunsillier SZ irrimarka li qed tiżviluppa ħsara fl-asfaltar ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa.

33.15.8.1. Is-Sindku informa li ntalab rapport mingħand il-Perit Carmel Cacopardo.

33.15.9. Is-Sindku informa li ntalbet stima lill-Perit tal-Kunsill għal *major patching* fi Triq Ġużeppi Despott, liema xogħol jammonta għal madwar €11,000.

33.15.9.1. Il-Kunsill innota li tali xogħol ma jistax jiġi nkluż fil-pjan ta' riġenerazzjoni tal-lokalita' u għaldaqstant irid isir mill-Kunsill.

33.15.9.2. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni sabiex dan ix-xogħol isir permezz ta' fondi tal-UIF.

33.15.10. Is-Sindku informa wkoll li skont kalkolazzjonijiet tal-uffiċċju, Triq il-Qroll , il-parti li għada ma saritx b'wiċċ ġdid, tiswa madwar €18,000.

33.15.10.1. Il-Kunsill innota li tali xogħol ma jistax jiġi nkluż fil-pjan ta' riġenerazzjoni tal-lokalita' u għaldaqstant irid isir mill-Kunsill.

33.15.10.2. Il-Kunsill qabel li issir applikazzjoni sabiex dan ix-xogħol isir permezz ta' fondi tal-UIF.

33.15.11. Il-Kunsillier AC ippropona li l-Kunsill jagħmel manutenzjoni fuq il-pavimentar taz-zuntier tal-Knisja.

33.15.11.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol m'għandux isir la darba mhuwiex propjeta' tal-Kunsill.

## 33.16 Talba għal Gabbana f'Wied il-Buni.

33.16.1. Is-Sindku informa dwar talba riċevuta mis-Sur Vince McIntyre, fejn talab in-*no objection* tal-Kunsill għal tpoġġija ta' gabbana temporanja fuq il-pjattaforma tal-konkrit, fis-sit ta' taħt il-latrina ta' Wied il-Buni.

33.16.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li s-Sur McIntyre żied jgħid li l-gabbana hija waħda ta' fuq ir-roti.

33.16.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 33.17 Dwal tat-Toroq.

33.17.1. Il-Kunsill innota talba sabiex isir *street lighting* fi Triq San Luċjan, minħabba li t-triq tinsab mudlama.

33.17.1.1. Il-Kunsill qabel mal-prinċipju u qabel li ssir talba għal assistenza lill-Enemalta.

## 33.18 Talba għal permess għal tpoġġija ta' tinda fit-triq tal-Bajja s-Sabiħa

33.18.1. Is-Sindku informa dwar talba tas-Sur Matthew Carabott, għan-nom tal-istabbiliment *Chicken Hut*, fejn talab *no objection* tal-Kunsill sabiex ipoġġi *canopy* fuq iż-żona fejn għandu l-imwejjed u s-siġġijiet quddiem il-ħanut tiegħu, kif approvati permezz ta' DN 1084/15.

33.18.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li l-ewwel l-applikant għandu jressaq disinn tal-*gazebo* proposta, u d-dettalji relevanti.

## 33.19 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

33.19.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.15 tà filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tnejn 17 t'April 2017 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 17 t'April, 2017.

[Iffirmati] [Iffirmati]

Joseph Cutajar
Sindku

Svetlick Flores
Segretarju Eżekuttiv